*malteško/Maltese*

## AĦBAR DWAR VELENJE

**Velenje** hija belt Ewropea żagħżugħa u moderna b'arkitettura moderna u bi ftuħ interkulturali li qed jikber. Fis-seklu tlettax, issemmiet għall-ewwel darba bħala belt tas-suq, filwaqt li bdiet tikber bħala belt wara t-Tieni Gwerra Dinjija; fl-20 ta' Settembru 1959, infetaħ b'mod solenni ċ-ċentru tal-belt li kien għadu kif inbena tagħha. Illum, Velenje, hija wkoll muniċipalità ta' belt, li tinkludi 25 lokalità b'madwar 33,000 persuna, li bejn wieħed u ieħor 25,000 minnhom jgħixu fil-belt. Hija waħda miċ-ċentri ekonomiċi l-aktar importanti tas-Slovenja kif ukoll ċentru ta' impjieg, ta' amministrazzjoni u ta' edukazzjoni tar-Reġjun ta' Savinja-Šalek. Il-pilastri tal-iżvilupp ekonomiku ta' Valenje jinkludu l-minjieri tal-faħam, is-settur tal-enerġija, ix-xogħol tal-metall u servizzi speċjalizzati; dan l-aħħar it-turiżimu wkoll. L-infrastruttura miżmuma sew u l-ospitalità ta' Velenje ngħataw diversi premjijiet fuq skala nazzjonali u internazzjonali. In-natura tal-belt (altitudni ta' 390m - Pjazza Tito) u l-madwar tagħha huma viżibbli u aċċessibbli faċilment: f'parks tal-belt, foresti, mil-lagi, waqt xi hike, permezz ta' xi rota u tul perkors ta' tixbit mal-muntanji. Faċilitajiet sportivi moderni, istituzzjonijiet kulturali, mużewijiet, istituzzjonijiet edukattivi u diversi soċjetajiet, klabbs u individwi kreattivi jikkontribwixxu bil-qawwi biex jagħtu ħajja lill-belt. Velenje hija magħrufa għad-diversi avvenimenti sportivi, rikreattivi, turistiċi u kulturali tagħha. Din hija belt ta' mużika, żfin, poeżija u ideat li jħallu l-frott tagħhom. Ħafna ismijiet prominenti naqqxu l-istorja ta' Velenje: ekonomisti, xjentisti, artisti, atleti, politiċi, eċċ ta' fama kbira twieldu f'Velenje. Velenje hija belt ta' monumenti kulturali kkaratterizzati minn bosta postijiet naturali interessanti, u b'mod speċjali avvenimenti u nies li qegħdin ġentilment jistednukom u jistennewkom b'ħerqa kbira. – *Merħba f'Velenje, għeżież ħbieb antiki u ġodda!*

© UVKF/Velenika/Leemeta